# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa

## 8 LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 35

**It-Tlieta, 4 ta' Mejju, 2021.**

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' bil-presenza tas-Sur Sindku, fil-ħamsa u nofs ta' waranofsinhar, permezz tal-Microsoft Teams, minħabba s-sitwazzjoni kurrenti tal-COVID-19.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Joseph Farrugia | Sindku |
| Is-Sur Scott Camilleri (SC) | Viċi Sindku (ċerman) |
| Is-Sur Sandro Alex Caruana (AC) | Kunsillier |
| Is-Sa Josette Busuttil (JBD) | Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Baldacchino (JB) | Kunsillier |
| Is-Sur Stanley Zammit (SZ) | Kunsillier |
| Is-Carlo Stivala (CS) | Kunsillier |
| Is-Sa Maria Mifsud (MM) | Kunsillier |
| Is-Sa Doriana Portelli (DP) | Kunsillier |
| | |
| Membri tal-Pubbliku: | NIL |

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):**

NIL

**ASSENTI**

NIL

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

Is-Sa Rosalie Mintoff – Segretarju Eżekuttiv

*"Dar Birżebbuġa", Triq Santa Marija, Birżebbuġa Tel : +356 21650165* *e-mail: birzebbuga.lc@gov.mt*

Il-viċi Sindku,  ippresjeda.

## Minuti

## 35.01 Qari tal-ittri t' apoloġija

35.01.01  NIL

## 35.02 Approvazzjoni tal-Minuti (34)

35.02.01  Inġibdet l-attenzjoni minn (AC), f'paġna 4/8, (para. 34.09.01), tiżdied sentenza fl-aħħar tal-paragrafu, li tgħid: Fejn hu possibbli nżidu l-parkeġġi għall-muturi.

35.02.02  (AC) ġibed l-attenzjoni wkoll, li f'paġna 6/8 (para. 34.09.21), trid titneħħa l-kelma 'Sqaq' u minflok tinkiteb 'soft area ta' Triq l-Għerien'.

35.02.03  (SZ) indika li l-isem tat-triq f' paġna 4/8 (para. 34.09.04), għandu jaqra Triq iż-Żejtun u mhux Triq iż-Żurrieq.  Kif ukoll f' paġna 5/8 (para. 34.09.07), fl-aħħar tal-paragrafu tiżdied sentenza li taqra: 'Id-deċiżjoni li jsiru kemm one-way, kif ukoll ir-road hump'.

35.02.04  (SZ) ġibed l-attenzjoni biex f' paġna 6/8 (para. 34.09.17, titneħħa s-sentenza li taqra: (SZ) issuġġerixxa lejn Borg in-Nadur, filwaqt li fl-aħħar tal-istess paragrafu tiżdied sentenza li taqra: Ġie ssuġġerit li jsir fis-soft area, fi Triq Dun Ġorġ Zammit, kantuniera ma' Triq il-Port Ħieles.

35.02.05  Inġibdet ukoll l-attenzjoni minn (DP) li waqt is-seduta (34), hija kienet tkellmet fuq il-proġett tal-binja tal-injam tad-djar tal-qtates, kif ukoll fuq l-erba' kwotazzjonijiet dwar l-ikel tal-qtates, li jappartjenu l-iskema.

Il-proponent kien il-viċi Sindku -  issekondat minn (JBD).

## 35.03 Skeda ta' pagamenti u petty cash

35.03.01  (SE) ippreżentat kopja tal-iskeda tal-pagamenti u l-petty cash.  Il-Kunsill ma sab l-ebda diffikultà u approva kemm l-iskeda tal-pagamenti, kif ukoll tal-petty cash.  Madankollu, ġie ssuġġerit li jittranġa d-deskrizzjoni tal-versi 44 u 55.

Il-proponent kienet (MM), issekondata minn (AC).

## 35.04 Approvazzjoni tal-kwotazzjonijiet

35.04.01  (SE) ippreżentat il-kwotazzjonijiet relatati:

- Qtugħ ta' ħaxix mis-soft area ta' Triq l-Għerien, il-Qajjenza – kwotazzjoni mingħand il-kuntrattur preżenti tal-ġonna, għas-somma ta' €755.20

- (MM) tkellmet ukoll fuq kwotazzjoni li rċeviet fir-rigward tal-ġarr tal-qsari. Il-Kunsill qabel li għandha tippreżenta żewġ kwotazzjonijiet oħra.

## 35.05 Approvazzjoni tal-first quarterly report

35.05.01 Waqt is-seduta ngħaqdet magħna l-accountant tal-Kunsill, fejn tat spjegazzjoni dwar dan ir-rapport. Il-Kunsill, b' vot unanimu approva dan ir-rapport u rringrazzja lil accountant tax-xogħol tagħha.

## 35.06 Approvazzjoni tar-Rapport Annwali

35.06.01 Il-Kunsill, b' vot unanimu approva r-rapport annwali, għas-sena bażi 2020. Il-laqgħa annwali hija skedata għal 25 ta' Mejju, 2021, fil-ħamsa u nofs ta waranofsinhar, ġewwa l-iskola primarja.

## 35.07 Approvazzjoni għal abboz tal-Bye-Law, caravans u motorhomes

35.07.01 (SZ) ta spjegazzjoni ħafifa fuq il-Bye-Law b' mod ġenerali, fejn stqarr li l-ewwel parti tinkludi d-defenizzjonijiet tal-Bye-Law, li ġiet imfassla fuq il-qafas tal-Kunsill ta' Marsaxlokk. Madankollu, Birżebbuġa għanda firxa ta' art ikbar u għaldaqstant, il-kelma 'xtajta' tiddeskrivi biċċa art minn fejn jibda l-promenade jew anke t-triq. Din il-Bye-Law tkopri l-parti tal-Qajjenza, San Ġorġ, u l-Bajja s-Sabiħa. Tagħmel ukoll distinzjoni bejn umbrella u gazebo, anke meta jkunu awtorizzati, definazzjoni għal miftuħ tagħhom minn erba' bnadi. Fost punti oħrajn, ġie propost li ħadd ma jista' jsuq jew iqiegħed vettura fuq ix-xtajta, jew promenade. Id-definizzjoni ta' 'jum' iffiser, minn nofs illejl sa nofs illejl. L-użu tal-gazebos irridu jkunu skont kif immarkat bl-aħmar fil-pjanta, filwaqt li jridu jingħalqu/ jiżżarmaw bejn 1900 – 0700 am. L-użu tal-generator mhuwiex permessibbli, u lanqas nirien miftuħa (open fires).

35.07.02 (AC) staqsa kif ser tkun immarkata l-kaxxa għal permess, biex wieħed ikun jista' jpoġġi gazebo. (SZ) wieġeb li tkun immarkata fuq il-permess, iżda (AC) reġa' staqsa, jekk hux fuq ir-ramel. Madankollu, (AC) ma qabilx li fil-Bajja s-Sabiħa, ikun hemm qisien, forma ta' kaxxa.

35.07.03 Il-viċi qal li l-interess ta' din il-Bye-Law twassal ukoll, sabiex nissalva gwardjaw il-parkeġġ tar-residenti ta' ħdejn il-baħar. (AC) qal li caravan area trid tkun armata bil-faċilitajiet, kif suppost u meħtieġ. (SC) wieġeb li l-proġett ta' Bengħisa jiffaċilità dan il-punt. (SZ) qal li ser ikun qiegħed jiċċirkolizza kopja, wara diversi emendi. Il-viċi talab għal ittra tal-approvazzjoni mill-pulizija fil-komunità.

35.07.04 Iċ-ċermen sejjaħ dak il-ħin stess mozzjoni fuq dak li ġie diskuss fuq il-Bye-Law, illum, 4 ta' Mejju, 2021, seduta numru (35).

**VOTAZZJONI**

Favur 9 Kontra 0 Astensjonijiet 0

## 35.08 Komunikazzjoni mis-Sur Sindku

35.08.01 Is-Sindku staqsa lil (SZ) fuq in-nuqqas ta' dawl, f' Wied il-Buni. Huwa kompla jgħid li qabel ma nbeda l-proġett, kien hemm dawl u tneħħa. Dan id-dawl kien mal-ħajt tal-Freeport. (SZ) qal li l-Kunsill Lokali għamel l-ewwel tentattiv billi għamel kuntatt ma' Infrastructure Malta, li rreferitna għand kumpanija li tifforma parti mill-EneMalta, iżda l-prezzijiet ta' din il-kumpanija kienu drastiċi. Madankollu, fil-preżent, qiegħed isir kuntatt mal-kuntrattur tagħna, biex dan isir. (AC) ssuġġerixxa lil (SZ) sabiex ġaladarba jingħaddu l-cables, ngħaddu cables oħrajn għal kameras. (SZ) stqarr li l-ispiża għal kull arblu tlaħħaq madwar €800.00.

35.08.02 Is-Sindku ressaq it-talba sabiex isiru żewġ sleeping policeman, fit-Triq tal-Ġebel. (SZ) wieġeb li llum stess l-uffiċċju għamel it-talba għalihom.

35.08.03 Is-Sindku tkellem fuq l-ispeed aċċessiv, fil-Qajjenza. (SZ) qal li fi Triq Heraklis trid issir road hump qabel il-kisra u idealment isiru tnejn oħra fi Triq il-Fossilli. (JBD) staqsiet jekk fi Triq il-Qajjenza huwiex ser isir xi ħaġa. (AC) wieġeb li għad fadal li nibgħatu t-traffic diversions lill-Awtorità tat-Trasport. (SZ) kompla jgħid li l-importanti fejn hemm il-bini jrid ikun hemm approvazzjoni mingħand ir-residenti, biex wara ma joġġezzjonawx. (JB) qal li għalkemm kienet ġiet approva, Triq San Ġużepp, baqgħet ma saritx. Il-viċi ssuġġerixxa li ssir lista, sabiex naraw lima huma ta' prijorità. Madankollu, (SZ) qal li l-aħjar nimxu ma' dawk li diġà huma approvati mill-Awtorità tat-Trasport.

35.08.04 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li fi Sqaq il-Brolli, inti u tiela' għall-iscrap yard, il-vetturi jitilgħu u jinżlu bi speed aċċessiv u r-residenti qegħdin jitolbu għal żewġ road humps oħra. (JB) qabel ma' dan kollu. Għaldaqstant, (SZ) ser ikun qiegħed isegwi din it-talba.

## 35.09 Kjarifika dwar il-pożizzjoni tal-Kunsillier Stivala

35.09.01 Iċ-ċerman staqsa lil (CS) jekk għandux xi punti li jrid jiddiskuti mal-Kunsill bħala kjarifikazzjoni. (CS) qal li l-emenda fl-Agenda saret wara li kienet diġà saret u tqassmet l-Agenda ta' qabel, u għaldaqstant, dan il-punt m' għandux jiġi diskuss. Ġew ippubblikati żewġ Agendi, filwaqt li l-ewwel Agenda, tgħodd. (SZ) qal li dan il-punt jista' jitla' bħala *arising matter.* L-Agenda taqra kjarifika dwar il-pożizzjoni ta' (CS), filwaqt li (CS) huwa l-unika persuna li jista' jagħmel din il-kjarifika. (DP) qalet li meta ma tagħmilx apoloġija huwa ksur tal-liġi. Għaldaqstant, (CS) talab apoloġija lil Kunsill. (MM) qalet li kulħadd jifhem li jkollu problemi, però, b'daqsxejn ta' emajl jew ittra, kienet tkun biżżejjed. Iċ-ċerman ikkonkluda li għal fini ta' din l-Agenda, il-kunsillier Stivala għamel l-apoloġija.

## 35.10 Proġett ta' rinovar tal-basketball piċċ

35.10.01 Il-kunsillier (CS) beda jispjega kif wara korrispondenza fuq talba mill-Kunsill Lokali lil Sport (Malta), Sport (Malta) għamlet evalwazzjoni tal-piċċ u rat li l-basketball court ma jistax isir skont ir-regolamenti tal-FIBA. Sabiex tintlab logħba 3x3, li hija logħba moderna fuq il-bajjiet, il-piċċ irid ikun 15 x 11 -il metru, li joqgħod eżatt f' dan il-piċċ. Dan il-post ser jinbena fuq U-shape. In-naħa ta' fejn hemm ir-ramel isir 1 meter bricks miksi u mimli bil-konkos, u 1 meter fencing, id-dawra mejt, biex ir-ramel ma jkunx jiżloq u perikoluż. Is-cementa tal-flooring hija tajba, imbagħad il-Kunsill Lokali japprova l-kuluri adattati għal flooring. Dal piċċ huwa l-iktar piċċ li jattira l-basketball, u bajjiet, filwaqt li ser ikun wieħed uniku f' pajjiżna. (CS) talab lil (SZ) biex jigwidah fuq id-dawl. (SZ) wieġeb li dik in-naħa m' hemmx dawl, iżda m' għandiex tkun problema. (CS) stqarr li mhux ġust li jinqalgħu l-post li diġà hemm, iżda magħhom jitwaħħlu xi flood lights ukoll. Ġie ssuġġerit li jsir forma ta' U-shape u ma jingħalaqx bil-fence, biex l-atmosfera tkun isbaħ bin-net u ma tibqax aktar xibka tal-ħabel. Bħala Kunsill Lokali, ikun meħtieġ li jagħme xi bankijiet, bins, manutenzjoni, żebgħa u s-servizz tad-dawl.

35.10.02 Il-viċi staqsa jekk fuq in-naħa ta' wara l-post, hux fil-ħsieb li jkun hemm 2 meters fit-total kollu tal-fencing. (CS) wieġeb li iva. (SC) reġa' staqsa jekk hux ser tintuża parti waħda biss. (CS) wieġeb li le. L-area ta' 31 metru li hemm bħalissa, ser isir flooring. Għaldaqstant, (SC) staqsa jekk il-bankijiet humiex fil-ħsieb li jsiru fuq il-flooring. (CS) ikkonferma li iva u beħsieb li jsiru fuq is-cementa, fl-area miftuħa. (SC) staqsa jekk fil-ġenb, tkunx tista' tintuża biex tintlab logħba oħra. (CS) wieġeb li minħabba kulma hemm huwa 11 – il metru, mhux sigur li tintlab logħba oħra. Biex indaħħlu żewġ courts 3 x 3, m' hemmx fejn area biżżejjed, fejn imur il-ballun. Irridu nimxu mar-regolament tal-FIBA u tal-Federazzjoni. (SZ) qal li l-problema li qiegħed jara hija l-ħitan u l-fencing. Il-bajja ma tiflaħx għal iżjed xbieki u ħitan. (CS) wieġeb li l-players ta' Birżebbuġa qegħdin jiġu jingaġġaw ruħhom mal-Federazzjoni. Fuq dan il-punt (SZ) ma qabilx, għaliex qal li min irrid immur jittrenja, imur jittrenja kullimkien.

Il-Kunsill jidher li qabel biex il-court isir 3 x 3, madankollu, qiegħed jipproponi li jsir ħajt ta' tliet metri, mingħajr fencing. (SZ) baqa' joġġezzjoni li qed jikkonsidra lil dak ir-resident li ma jixtieqx jara ħajt ma' wiċċu. (JB) qal li meta konna ġejna biex nagħmlu l-ground tal-football, kellna ħsieb li nagħmluh tat-turf. Madankollu, kienu ħasrulna minħabba li r-ramel kien jispiċċa jagħtih. (CS) kompla jispjega li kulma hemm bżonn huma xi 6 LED Flood Lights, li jiswew bejn €1,500.00 - €1,700.00.

Il-kunsill approva dan il-proġett, madankollu, (CS) għad irrid jikkonferma fuq il-fencing.

## 35.11 Punti mressqa mis-Segretarju Eżekuttiv

35.11.01 Inġibdet l-attenzjoni mis-(SE) li kien skada ż-żmien tal-probation tal-iskrivana l-ġdida. Il-Kunsill inawguralha fil-ħidma tagħha, filwaqt li approva biex tkompli bl-ingaġġ tagħha.

35.11.02 (SE) reġgħat tkellmet fuq il-każ tar-resident li talab għall-kumpens mill-Kunsill għal ħsarat fil-vettura tiegħu li qiegħed jgħid li sar b' kaġun tal-ilma baħar li jitla' fit-Triq. Il-Kunsill,

għal darba oħra għamila ċara u ma laqgħax din it-talba, minħabba li kulħadd jaf b'din iż-żona, kif ukoll hemm tabelli li jindikaw ċar, u rotot alternattivi oħra.

35.11.03 (SE) resqet talba mingħand persuna li talab permess biex iqiegħed kiosk, biex joperà, minn quddiem l-ex lukanda, fil-Bajja s-Sabiħa. (AC) ġibed l-attenzjoni li skont ir-regolamenti, ġaladarba dan joqgħod ipparkjat f' kaxxa bajda u jżarma u jitlaq minn fuq il-post, fl-aħħar tal-ġurnata, m' għandux bżonn ta' permess min-naħa tal-Kunsill. Madankollu, mhuwiex eskluż permess/i minn awtoritajiet oħrajn. (SE) ser tinforma lil dan l-applikant.

35.11.04 (SE) ressqet ċirkolari mid-dipartiment fuq skema: SPI/SCI/5/2021 – Community Inclusive Scheme. (SE) spjegat kif bażikalment, din hija skema għal rikjesta għal aktar ħaddiema fil-komunità. Ġie diskuss eżattament x' ser ikun ix-xogħol abbonat ma' din l-approvazzjoni. Persuna minnhom trid tkun taf tuża' l-mutur tal-ħart, filwaqt li l-intenzjoni għal ħaddiem l-ieħor, sabiex jagħmel xogħol ta' knis, fit-toroq il-ġodda u li mhumiex inklużi fil-kuntratt preżenti. Il-Kunsill laqgħa din l-iskema u ppropona biex napplikaw għal żewġ ħaddiema oħra.

**<u>VOTAZZJONI</u>**

Favur <u>9</u> Kontra <u>0</u> Astensjonijiet <u>0</u>

## 35.12 Mistoqsijiet imressqa mill-kunsilliera

35.12.01 Il-kunsillier (JB) qal li m'għandux punti x' jiddiskuti.

35.12.02 Il-kunsillier (JBD) qalet lil (MM) li hemm ħafna latrini maħmuġin u jinfetħu tard. (MM) wieġbet li ser tkun qed titkellem fuq dan is-suġġett, waqt il-ħin allokat għaliha.

35.12.03 (JBD) tkellmet ukoll fuq l-iskart mormi fl-inħawi tal-Marnisi. Madankollu, ġie nnotat illi l-ammont ta skart, naqas drastikament. (SZ) qal li meta kien kellu laqgħa mal-pulizija fil-komunità, fil-presenza tal-viċi, kien ressaq proposta li ssir skip li tingħalaq.

35.12.04 (JBD) talbet għal aġġornament dwar il-laqgħa li kienet saret ma' tar-restoranti b' konnessjoni mal-barrier tax-xatt.

35.12.05 (JBD) tkellmet dwar Triq il-fortizza, lejn Bengħisa. (AC) wieġeb li r-rapport jinsab lest.

35.12.05 (JBD) talbet għal aġġornament dwar iż-żewġ disabled parking, waħda fi Triq Kurat Fenech u l-oħra fi Triq Garibaldi. (SZ) spjega li kif normalment il-karozza bil-permess tal-blue card, ikun il-passiġier u mhux ix-xufier, l-aħjar soluzzjoni tkun li jaqsam għan-naħa l-oħra. Fuq ta' Garibaldi, instab allokazzjoni u ressaqna t-talba għall-approvazzjoni tal-Awtorità tat-Trasport.

35.12.06 (JBD) tkellmet fuq il-fondazzjoni FSWS, servizz għar-residenti, filwaqt li talbet għal parti mis-sala tal-Kunsill. Il-viċi qal, li qed jidher li qed tiżdied id-domanda għall-użu tas-sala u ppropona li għandu jkun hemm xi tip ta' kalendarju u jitniżlu d-dati rikjesti.

35.12.07 Il-viċi ppropona sabiex tinxtara magna oħra tal-AED u titwaħħal mal-ħajt tal-iskatepark. Sar qbiel unanimu bejn il-Kunsill, biex tinxtara din il-magna.

35.12.08 (SC) staqsa fuq ir-rapport li kellu jsir fir-rigward ta' Triq il-Port Ħieles. (AC) wieġeb li ser ikun qiegħed jikkonferma dwaru.

35.12.09 (SC) talab għal aġġornament dwar Triq il-Port Ħieles, ma' Triq iċ-Ċiev.

35.12.10 Il-viċi ppropona, sabiex Triq it-22 ta' Frar, dejjem bl-approvazzjoni tal-familjari, issir tissemma wara l-imprenditur John Grech. Għaldaqstant, ġie maqbul sabiex (SE) tibgħat ittra għall-approvazzjoni tal-familjari.

35.12.11 (SC) talab lil (MM) rendikont tax-xogħol li għaddej min-naħa tal-FTZD. (MM) wieġbet li fil-preżent mhu qiegħed isir xejn min-naħa tagħhom. Il-bankijiet ta' Wied il-Buni, qegħdin isiru bis-sehem tal-ħaddiema tagħna.

35.12.12 (SC) tkellem fuq il-problema ta' Għar Ħasan u kif ġie nnotat li riċenti qegħdin jiffrekwentawh ħafna nies, u l-periklu tal-madwar. (CS) qal li hemm hekk hemm għar u qegħdin imorru ħafna żgħażagħ, b' mod speċjali u jgħaddu eżattament max-xifer tal-irdum, biex jinżlu f' dan il-għar. Ġie ssuġġerit li jitwaħħlu tabelli li jgħidu: At your own risk, iżda l-kunsillier (JB) spjega kif dawn it-tabelli huma relevanti u ma jfissru xejn, filwaqt li ntqal ukoll li dik iż-żona tifforma parti mill-katina Natura 2000 u mhux lakemm wieħed jaqbad u jwaħħal it-tabelli.

Is-Sindku kellu bżonn iħalli l-laqgħa. Il-ħin 20.48

35.12.13 Il-kunsillier (AC) tkellem u spjega kif is-Sibt 1 ta' Mejju, fil-presenza wkoll tal-viċi Sindku u l-kunsillier Maria Mifsud, iltaqgħu mal-operaturi negozjanti ta' ħdejn il-barrier tax-xatt. Huma baqgħu jitolbu għal parkeġġ taħt is-siġar tal-palm. (SC) qal li dik il-biċċa tappartjeni għal min għandu l-aċċess bil-card biss, kemm għar-residenti, kif ukoll għal business owners. Madankollu, (SZ) spjega li taħt is-siġar tal-palm, qatt ma kien hemm parkeġġ u qatt ma kien hemm permess biex isir parkeġġ. Kull min għamel l-operations plan tiegħu, kienu jaf li m'hemmx permess. Il-viċi staqsa lil kunsilliera, jekk jaqblux li jsir parkeġġ taħt is-siġar tal-palm. (SZ) wieġeb li fil-Bye- Law li għadha kif ġiet approvata, hemm miktub li ma jistax ikun hemm parkeġġ u l-ebda vettura ma tista' tinżel jew titħalla. Id-deċiżjoni diġà ttieħdet f' seduta ta' qabel, li hemm hekk ma jsirx parkeġġ.

Intalbet estenzjoni ta' 30 minuta. Il-proponent (JBD) – is-sekondat minn (JB).

Il-viċi staqsa jekk lil Clean Malta biex joffri servizz, hux ser inħalluh jipparkja? Resident li għandu garaxx, ser inħalluh jipparkja? (SZ) qal li huwa tal-opinjoni li ġaladarba ser ikun qiegħed iressaq biex issir l-applikazzjoni għall-approvazzjoni tal-Awtorità tat-Trasport, għal parkeġġ taħt is-siġar tal-palm, tal-opinjoni li sakemm jiġi l-permess, ma jidħol ħadd. (JB) qal li

għalissa loading and unloading biss. Iċ-ċerman qal li ħa mmorru għal permess tal-parkeġġi mingħand l-Awtorità ta-Trasport.

35.12.14 Il-kunsillier (AC) staqsa lil (MM) u lil (SZ) kif ser nibqgħu fuq is-sistemi tas-CCTVs għall-ibins tal-Port Ħieles. (SZ) wieġeb li qegħdin naħdmu fuqhom, mall-kuntrattur. (JB) qal li hemm bżonn issir kamera għall-abbuż tar-rimi tal-iskart, bejn Triq San Mikiel u Triq Santa Katerina.

35.12.15 (AC) tkellem fuq l-istorbju li qiegħed ikun hemm mill-Freeport. Fl-istess waqt staqsa, kif il-Kunsill għadu qatt ma tħallas tas-somma mwiegħda lilu, min-naħa tal-Freeport. Huwa kompla jgħid li r-rappreżentanti fil-kumitat, għandhom jiddiskutuha u tintbagħat ittra uffiċjali.

35.12.16 (AC) tkellem ukoll fuq il-kwistjoni li hemm fil-preżent mal-Perit William Lewis. Dan wara li waqt l-okkażjoni tal-inawgurazzjoni tal-fondi għal proġett ta' Ġnien il-Kunsill, kienet intalbet preżentazzjoni u l-Perit baqa' ma tħallasx għaliha. Din il-preżentazzjoni kienet tifforma parti minn fażi tnejn tal-proġett u li dakinhar ġiet inawgurata mill-Ministru tal-Edukazzjoni, ta' dakinhar. (SZ) staqsa lima Ministru kien talab għal dan il-feature fuq il-presentazzjoni. Għaldaqstant, talab lil (SE) biex issir laqgħa mal-perit.

## 35.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

35.13.01 Il-laqgħa ġiet aġġornata fl-għaxra u kwart ta' filgħaxija. Il-Kunsill qabel li s-seduta jkollha kontinwazzjoni, nhar l-Erbgħa, 12 ta'Mejju, 2021, fil-ħamsa u nofs ta' waranofsinhar. Din il-laqgħa ser issir virtwali u ser titkompla l-Agenda mill-kunsilliera li ma laħqux għamlu l-punti tagħhom.

| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
|---|---|
| ___________________________ | _________________________ |
| Joseph Farrugia | Rosalie Mintoff |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |